MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 1704/2010

**Carmen Borg (K.I. 656751M)**

**Vs**

**Ronald Catania**

**Lino Catania**

**John Saliba**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attrici qed titlob li dan it-Tribunal sabiex jiddikjara lill-konvenuti, flimkien u solidalment bejniethom ihallsuha s-somma komplessiva ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin ewro (€3,494) rapprezentanti l-prezz ta' servizzi resi mill-attrici lejn id-defunta ommhom u spejjez inkorsi mill-attrici fil-qadi ta' xogholha u waqt is-servizzi resi, liema servizzi sehhu bil-kunsens

tal-istess konvenuti flimkien u solidalment bejniethom; bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenuti fejn eccippew li t-talba hija kontestata (1) peress li preskritta bid- dekors ta' 5 snin; (2) peress li xejn mhu dovut; (3) peress li l-attrici thallset tul hajjet id-decieus u anke direttament u anke b'legat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

It-Tribunal ra l-affidavits ta' Carmen Borg l-attrici.

Ra wkoll l-affidavits ta' Ronald Catania, Lino Catania u John Saliba.

Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar il-23 ta' Mejju, 2012 bih il-kawza thalliet illum ghas-Sentenza.

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta' Gunju, 2014 fejn thalliet ghas-Sentenza in difett ostakolo.

**Ikkunsidra:**

Din it-talba hija ghall-ispejjes mhallsin ghad-defunta zija tal-konvenuti mill-attrici. Il-pretensjoni tal-attrici huwa li tithallas mill-werrieta tad-defunta u ghalhekk tigi rimborsata ¾ tal-ispejjes.

Illi din il-pretiza giet kontestata permezz ta’ eccezzjoni preliminari ossia illi t-talba hija preskritta b’dekors ta’ hames snin u anke illi dan l-ammont m’huwiex dovut peress illi Catherine Valletta hallset l-attrici f’hajjitha u anke permezz ta’ legat.

Mill-provi rrizulta illi:

Catherine Valletta mietet fit- 23 ta’ Dicembru, 2005. Illi fit-testament taghha halliet lit- tlett konvenuti u l-attrici bhala werrieta universali taghha fl-atti tan-Nutar Dr. Mario Borg Ins 480/1998. Fl-istess testment halliet lin-neputijiet taghha Carmen Borg Catania legat remunatorju ta’ elf lira Maltin (Lm1,000), lil neputijiet l-ohra Ronnie Catania, Lino Catania, John Saliba, Mary Galea, hames mitt lira Maltin (Lm500) lit-tliet neputijiet tal-mejjet Joseph Valletta legati ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) kull wiehed. Lill-konvenuti u l-attrici halliethom bhala eredi universali, pero ukoll b’revizjoni tal-istess testament Carmen Borg thalliet legat preferenzjali fl-atti ta’ Sandro Schemmbri Adami (li kien f’dak iz-zmien Nutar Ins 13894/00 li jkollha dritt ghal dak kollu li jinsab fid-dar tat-testattrici “kollox inkluz xejn eskluz”

Carmen Borg fl-affidavit taghha ddikjarat illi kienet tiehu hsieb lil Catherine Valletta li hija oht ommha. Kellha wkoll prokura minghandha maghmulha quddiem Sandro Schembri Adami dak iz-zmien kien Nutar[1]. Kienet tiehu hsiebha u minkejja prokura ma kinitx tiehu flus mill-Bank ddikjarat illi l-ispejjes bdiet thallshom mill-2002 sal-2005. [2]

**L-Art.2156(f) tal-Kap.16** jaqra hekk – *L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta’ hames snin :*

*(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta’ kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa’, skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni iqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku.*

[1] Ara Dok 1
[2] Ara r-rendikont dok 3

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna illi talba ghall-hlas ta` servigi/spejjes tiddekadi bil-preskrizzjoni tal- hames snin skont l-Art.2156(f) tal-Kap.16.

Il-gurisprudenza in materja hija kostanti fis-sens illi tghid li hemm lok ghall-preskrizzjoni f`kazi ta` servigi jew prestazzjonijiet ohra, ghalkemm ikun hemm kontinwazzjoni taghhom. [3]

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza ***Pace et vs Agius noe*** fejn il-Qorti tal-Appell iddikjarat (Vol.XXIX.II.515)

*"L-azzjoni ghall-hlas ta` servigi u ghar-restituzzjoni ta` spejjez ghal somministrazzjonijiet maghmula lill-persuna servuta tippreskrivi ruhha f`hames snin"*

It-testattrici mietet fil 23 ta' Dicembru, 2005 u ghamlet zewg testmenti kif gie 'ndikat. Illi fir-revizjoni ta' dan ziedet illi legat preferenzjali favur l-attrici pero ma dan ma kien hemm xejn aktar imsemmi. It-testattrici ma ddikjaratx illi dan kien hlas ghas-servigi jew rimbors ghal xi spejjes jew li kien xi legat remunatorju. Ghalhekk it-Tribunal ihoss illi hija l-ahhar data li ghandu jirreferi ghaliha, hija d-data ta' l-ahhar *invoice* li pprezentat ossia 30 ta' Novembru, 2005. Illi permezz t'Avviz l-attrici fethet kawza fis-7 ta' Dicembru. 2010. Jirrizulta illi ma kien hemm ebda interruzzjoni ta' preskrizzjoni u ghalhekk il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' hames snin skaddiet u ghalhekk it-talba hija preskritta.

Ghalhekk fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tal-attrici, u jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

L-ispejjez ta' din il-kawza jigu sopportati mill-attrici.

---

[3] Ara l-kawza

"**Caruana vs Scicluna et**" – 4 ta` Gunju 1948 –Qorti tal-Appell Vol.XXXIII.I.285).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------